# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 28/2019 RM**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Numru 3789/2018**

**AAK Grech Bros. Ltd (C-34012)**

**-vs-**

**Maria Buhagiar**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Maria Buhagiar ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Frar 2019 fejn gie premess is-segwenti:

*Illi permezz tal-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' intimata, bin-numru ta' riferenza taghha 3289/2018 (hawn annessa w immarkata bhala "Dok. A"), qed jigi mitlub li tigi reza ezekuttiva talba tal-istess socjeta' intimata fil-konfront tal-esponenti ghall-hlas pretiz minnha abbazi ta' allegata kambjala, hawn annessa w immarkata bhal "Dok. B".*

*Illi permezz tal-prezenti r-rikorrenti tissottometti li (i) din l-ittra ufficjali fiha certi nuqqasijiet li jirrenduha nulla u mhux enforzabbli fil-konfront taghha; kif ukoll li u minghajr pregudizzju ghall-premesss (ii) hemm ragunijiet gravi u validi fil-ligi sabiex l-esponenti topponi l-ezekuzzjoni tal-allegata kambjala.*

*Illi preliminarjament, skond l-artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ittra ufficjali mibghuta sabiex tirrendi kambjala esegwibbli ghanda tinkludi ad validatem, avviz li jinforma lil min jircievi t-tali ittra ufficjali li ghandu d-dritt li jipprezenta rikors li fih jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali u jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, u dan meta jikkonkorru certu cirkostanzi kkontemplati fl-istess artikolu 253 (e). Din it-twissija hi rikjesta mill-istess artikolu 253 (e) taht piena ta' nullita', sabiex d-debitur ikun avvzat* ***b'mod car*** *bid-dritt moghti lilu minn dan l-artikolu tal-ligi.*

*Illi ghalkemm l-ittra ufficjali tinkludi parti mit-taghrif rikjest mill-istess artikolu 253 (e), ma tinsabx fil-forma t'avviz rikjesta mill-ligi u l-gurisprudenza nostrana. Huwa principju ben rikonoxxut li l-avviz notifikat lid-debitur f'dawn l-ittri ufficjali ghandhom ikunu simili ghal dak li wiehed isib fil-procedura ta' giljottina. In-nuqqas ta' avviz korrett jirrizulta fin-nullita` tal-ittra ufficjali relattiva, u dan kif provdut fl-istess artikolu 253 (e);*

*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, hemm ragunijiet gravi u validi fil ligi sabiex l-esponenti topponi l-ezekuzzjoni tal-allegata kambjala, u dan minhabba illi hi qatt ma kellha relazzjoni kummercjali maghha u l-allegata kambjala giet iffirmata minnha minhabba li r-rapprezentanti tas-socjeta' intimata zvijawha w uzaw gherq fil-konfront taghha;*

*Illi huwa proprju missier l-esponenti, Raymond Buhagiar illi ghandu relazzjoni kummercjali mas-socjeta' intimata, fejn l-istess socjeta tbiegh merkanzija b'mod regolari lill-imsemmi Raymond Buhagiar. Filfatt kien waqt li is-sur*

*Buhagiar kien imsiefer illi talab lill-esponenti sabiex tmur l-ufficcji tas-socjeta' intimata biex tinfurmahom illi kien ser ikollu ihallashom l-ammont ta' elfejn u disa mija tmienja u tmenin euro (€2,988) hekk kif jigi mis-safar. Fil-fatt rendikont mahrug mis-socjeta intimata, hawn anness u mmarkat bhala Dok C, juri li l-ammont imsemmi kien fil-fatt dovut minn Raymond Buhagiar u mhux minn Maria Buhagiar.*

*Illi waqt li l-esponenti kienet l-ufficcji tas-socjeta' intimata ir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata zvijawha u qalulha biex tiffirma dokument, li jirrizutla li kien l-kambjala in kwistjoni, bhala konferma li missierha kien ser jhallas l-ammont dovut minnu lejhom, u dan minghajr ma spjegawlha x'kienet qed tiffirma u l-effetti taghha.*

*Illi inoltre, l-fattura annessa mal-kambjala in kwistjoni hija simulata, qarrieqa u frawdolenti ghaliex is-socjeta' intimata qatt ma pprovdiet servizzi jew ikkonsenjat xi materjal lill-esponenti. Il-fattura imsemmija fil-fatt ma gietx miktuba bl-istess mod li jinkitbu l-fatturi mahrugin mis-socjeta intimata b'mod regolari hekk kif jidher mid-dokumenti hawn anness u mmarkati bhala Dok D;*

*Illi b'din il-fattura s-socjeta intimata qedgha tallega li ghandha tigbor somma flus ghal merkanzija li qatt ma giet ikkonsenjata u ghalhekk id-dejn imsemmi qatt ma setgha ezizta ma l-esponenti. Fil-fatt, kif diga gie ritenut, il-dejn in kwistjoni jezizti ma persuna differenti u cioe' ma missier l-esponenti;*

*Ghalhekk jezistu ragunijiet gravi u validi fil-ligi ghaliex din il-Qorti ghandha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' din l-ittra ufficjali.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed topponi l-ezekuzzjoni ta' din l-ittra ufficjali u qed titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali numru 3789/2018 hija nulla u bla effett fil-ligi, u konsegwentement it-titolu esekuttiv vantat minn AAK Grech Bros Ltd. (C-34012) huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi;*

2. *Tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali pprezentata mal-istess ittra ufficjali u dana peress illi jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi opposta l-esekuzzjoni ta' din l-istess kambjala, a tenur ta' l-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U dan taht dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra is-socjeta intimata minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta ta' AAK Grech Bros. ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn ghamlet is-segwenti sottomissjonijiet:-

*"1. In kwantu diretta biex tiddikjara null it-titolu ezekuttiv li l-esponenti ottjeniet bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, l-ewwel talba attrici hija irritwali u ghalhekk ghandha tigi michuda.*

*Il-procediment segwit mir-rikorrenti, fit-termini tal-**art. 253(e)** tal-Kap. 12, mhux dirett biex tigi kontestata l-validita' tat-titolu ezegwit, imma biex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tieghu.*

*2. F'kull kaz, mhux minnu li l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi hija nieqsa minn xi rekwizit mehtieg bil-ligi ghall-validita' taghha, u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti Maria Buhagiar biex din l-ittra ufficjali tigi dikjarata nulla u bla effett fil-ligi hija f'kull kaz infondata fid-dritt.*

*L-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi fiha r-rekwiziti kollha li trid il-ligi fl-**art. 253(e)** tal-Kap. 12, u l-effikacja tal-avviz li r-rikorrenti tilmenta li huwa nieqes mill-istess ittra ufficjali tirrizulta mill-procedura prezenti li intavolat hija stess skond dak l-avviz.*

*3. Konsegwentement, l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.*

*4. In kwantu diretta biex tottjeni s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ffirmata mir-rikorrenti favur l-esponenti, din it-talba tikkuntradici l-ewwel talba taghha, u ghalhekk ir-rikorrenti ghandha tiddikjara liema linja qed tiehu f'dan il-procediment.*

*5. Fil-mertu u minghajr pregudizzju, ma jezistu ebda ragunijiet gravi u validi fit-termini tal-ligi u kif spjegati fil-gurisprudenza li jimmeritaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala li giet reza ezekuttiva bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi.*

*Fid-digriet* **Michael Attard Limited vs Turista Limited et**[1]*, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irrimarkat li l-ligi mkien ma qalet x'inhuma r-ragunijiet 'gravi u validi' li ghalihom id-debitur jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala. Pero' kompliet li 'l-Qorti hija tal-fehma li tali ragunijiet gravi u validi ma jistghux ikunu usa' mir-ragunijiet mahsubin mil-ligi specjali – il-Kodici tal-Kummerc – biex izommu milli kambjala tithallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi procedura bhalma hija din tal-lum, il-Qorti tistharreg il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stharrig jidher li jmissu jsir f'kawza li titressaq specifikatament ghal dan il-ghan. Kulma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala'.*

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili, 22.11.2012

*Interpretazzjoni differenti '[t]wassal ghal stultifikazzjoni ta' raison d'etre ta' kambjala fil-kamp kummercjali'*[2].

*L-unici ragunijiet li ghalihom tista' ssir opposizzjoni ghall-hlas ta' kambjala huma t-'telf tal-kambjala jew [il-] falliment tal-pussessur' (***Art. 199***, Kodici tal-Kummerc). Mill-bqija, l-***art. 198*** *tal-istess Kodici jipprovdi hekk:*

*198. (1) L-eccezzjonijiet li huma persunali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

*(2)* ***Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smigh taghhom isir f'kawza ghaliha, u, sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'ghandhiex tkun imdewma****.*

*Il-ligi trid hekk ghaliex, 'bhala regola generali, kambjali ghandhom jithallsu'*[3]. *Hekk, fid-digriet* **Charlotte Ciantar vs Paul Falzon**[4], *il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ssottolineat li, ghalkemm il-ligi vestietha bid-diskrezzjoni ta' x'inhuma r-ragunijiet gravi u validi li ghalihom tkun tisthoqq is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala, 'r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni'.*[5]

*Fl-istess sens, fid-digrieti* **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**[6] **u Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd**[7], *l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili klassifikat l-ezami tal-kambjala mehtieg ghall-finijiet tal-*

[2] **Highway Auto Co Ltd vs Louis Pace et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 16.1.2013
[3] Prim'Awla (JZM), 15.9.2015
[4] Ibid. (ara wkoll sentenzi ohra hemm citati)
[5] Ara wkoll **Joseph Mamo vs Joseph Zammit**, Prim'Awla (JZM), 15.7.2014
[6] **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**, Prim'Awla (CFS), 5.2.2008
[7] **Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd**, Prim'Awla (CFS), 16.12.2008

*procedura tentata mir-rikorrenti bhala wiehed 'prima facie'*[8] *ghaliex 'kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur'*[9].

*Fil-kaz* ***Dino Fino vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited****, il-Qorti ddecidiet li l-allegazzjoni tal-kumpanija debitrici li ma kellhiex mod kif tivverifika mill-kontijiet taghha li l-ammont kanonizzat bil-kambjala kien effettivament dovut minnha lill-kreditur pussessur tal-istess kambjala ma kinetx raguni valida u serja bizzejjed biex tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni taghha. 'Il-fatt li s-socjeta' intimata kif inhi mmexxija llum, mhijiex f'pozizzjoni li tivverifika x'jirraprezentaw l-ammonti mitluba lilha mill-kreditur, dan ma jahtix ghalih il-kreditur, imma huwa konsegwenza tal-problemi interni li kien hemm u ghad hemm fi hdan it-tmexxija tas-socjeta' intimata ... Galadarba l-kambjali gew debitament iffirmati minn persuna li kellha u ghad ghandha r-rapprezentanza legali tas-socjeta' intimata u li setghet torbot dik is-socjeta', il-Qorti tqis li ma tezistix xi raguni gravi u valida skond il-proviso tal-artikolu 253(e) ... li tiggustifika s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni'.*

*6. Konsegwentement anke t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2019 fejn inter alia, appuntat ir-rikors ghas-smigh;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

---

[8] **Briffa vs Azzopardi** (*supra*)
[9] **Briffa vs Azzopardi** (*supra*)

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020;

Rat l-atti kollha;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel talba taghha fir-Rikors promotur, ir-rikorrenti talbet illi l-ittra ufficjali bin-Numru 3789/2018 tigi dikjarata li hi nulla u talbet ukoll konsegwentement, in-nullita` tat-titolu ezekuttiv miksub mill-kreditur abbazi ta' dik l-ittra.

Il-Qorti minnufih tqis li din it-talba mhijiex f'lokha. Qabel xejn, jigi osservat illi r-rikorrenti, wara li ddikjarat li qieghda "*topponi l-ezekuzzjoni*" tal-ittra ufficjali Numru 3789/2018, talbet fl-ewwel lok in-nullita` ta' din ittra ufficjali u fit-tieni lok, b'mod kumulattiv u mhux alternattiv, is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-imsemmija ittra ufficjali li giet mibghuta sabiex jirrendi ezegwibbli l-istess kambjala. Hu ovvju illi z-zewg talbiet huma kontradittorji u inkompatibbli u jeskludu lil xulxin b'mod li ma jistghux jissusistu flimkien, stante illi t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tippresupponi li dak l-istess titolu ezekuttiv huwa jew gie rez, ezegwibbli.

B'zieda mal-premess, jigi osservat ukoll illi anke jekk ghal mument, l-ittra ufficjali in dizamina kellha titqies li ma fihiex ir-rekwiziti mehtiega mill-proviso ghas-subinciz (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12, dan ma jista' qatt iwassal ghan-nullita` tat-titolu ezekuttiv kif mitlub mir-rikorrenti fl-ewwel talba

taghha, ghaliex it-titolu ezekuttiv vantat mis-socjeta` kreditrici f'dan il-kaz, jikkonsisti fil-kambjala nnifisha li hija wahda mit-titoli ezekuttivi elenkati fl-Artikolu 253 tal-Kap. 12. Ghalhekk, il-validita` o meno tal-att gudizzjarju bis-sejha ghall-hlas, hekk kif mehtieg mill-Artikolu 256(2) u s-subinciz (e) tal-Kap. 12, hija irrelevanti ghall-kwistjoni tas-siwi tat-titolu ezekuttiv izda tista' tkun relevanti biss ghall-fini tal-validita` tal-ezekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv.

Il-Qorti tqis ulterjorment illi n-nullita` tat-titolu ezekuttiv, f'dan il-kaz il-kambjala, tista' tigi invokata u pronunzjata biss fi proceduri kontenjuzi *ad hoc* u certament mhux fil-kuntest tal-procedura specjali prospettata mill-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 li hija wara kollox intiza ghall-oppozizzjoni <u>tal-ezekuzzjoni</u> tat-titolu ezekuttiv u mhux tat-titolu ezekuttiv innifsu.

Izda minkejja l-konsiderazzjonijiet appena maghmula, il-Qorti fi kwalsiasi kaz ma taqbilx illi l-interpellazzjoni gudizzjarja li saret permezz tal-ittra Numru 3789/2018 ghall-fini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, fiha xi nuqqas li ghandu jwassal ghan-nullita` tal-istess att kif stipolat fil-proviso tas-subinciz (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12.

L-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:-

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli,* ***tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli****, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

***L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;***

Ir-rikorrenti ssostni illi ghalkemm l-ittra ufficjali in dizamina tinkludi parti mit-taghrif rikjest mill-Artikolu 253(e), dan it-taghrif ma nghatax fil-forma ta' avviz simili ghal dak li jinghata fil-kaz ta' proceduri sommarji specjali.

Il-Qorti ezaminat l-ittra ufficjali Numru 3789/2018 u hija sodisfatta illi l-htigijiet tal-Artikolu 253(e) u l-proviso relattiv, jinsabu sodisfatti. Hu manifest li l-avviz mehtieg mill-proviso taht piena ta' nullita` huwa dak li jgharraf lid-debitur bid-dritt moghti lilu mis-subinciz (e) tal-istess Artikolu, illi f'kaz li jrid jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjala msemmija fl-att gudizzjarju lilu notifikat, jista' jaghmel rikors biex jissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess kambjala fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dik l-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala esegwibbli. Il-ligi ma tehtiegx li dan l-avviz ikun imsawwar f'xi forma specifika u ma jirrizultax lanqas illi huwa mehtieg *ad validitatem* li l-avviz jinghata xi prominenza partikolari jew li jigi stampat bi kliem preciz bhal per ezempju l-avviz mehtieg skont ir-regolament 2 tal-Avviz Legali 278 tal-2005 fil-kaz ta' ittra gudizzjarja li tigi pprezentata ghall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12:-

*"F'kull ittra ufficjali skond it-termini ta' l-artikolu 166A, ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti, dan l-avviz li gej:*

*"Din l-ittra ufficjali qed tintbagħat taħt l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.".*

Effettivament, l-ittra ufficjali mibghuta lir-rikorrenti sabiex tirrendi l-kambjala esegwibbli fiha sija l-interpellazzjoni ghall-hlas u sija wkoll is-segwenti avviz fl-ahhar parti tal-istess ittra:-

"...."

Dan l-avviz, fil-fehma tal-Qorti huwa pjenament konformi mal-htigijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 ghaliex ir-rikorrenti, bhala d-debitur imsejha ghall-hlas tal-kambjala, giet mgharrfa kjarament bid-dritt mogħti lilha li topponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala billi titlob is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni permezz ta' rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien ghoxrin gurnata min-notifika ta' dik l-istess ittra. Kemm hu hekk, ir-rikorrenti giet mgharrfa wkoll bir-ragunijiet li ghalihom tista' titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali.

Kif tajjeb osservat l-abbli difensur tas-socjeta` intimata waqt it-trattazzjoni, tant kien effettiv l-avviz kontenut fl-ittra ufficjali notifikata lir-rikorrenti u tant ir-rikorrenti fehmet l-import tieghu, li pprocediet biex topponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala bil-prezentata tar-rikors entro t-terminu u hekk kif gie mfisser lilha fl-istess ittra ufficjali.

Ghaldaqstant, il-pregudizzjali tan-nullita tal-ittra ufficjali Numru 3789/2018 hija infondata u qieghda konsegwentement tigi michuda.

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tieni talba taghha fir-Rikors promotur, ir-rikorrenti qieghda tinvoka d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 biex titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut mis-socjeta` AAK Grech Bros. Limited fil-konfront taghha permezz tal-kambjala mahruga fis-27 ta' Lulju 2018, liema kambjala giet reza ezekuttiva permezz tan-notifika tal-ittra ufficjali Numru 3789/2018 ipprezentata fid-9 ta' Novembru 2018. Din il-kambjala giet mahruga b'accettazzjoni ghall-hlas tas-somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u tmenin Euro (€2,988.00) u skadiet fis-27 ta' Awwissu 2018.

**Ir-rikorrenti Maria Buhagiar** tikkontendi illi ma tezisti l-ebda relazzjoni kummercjali jew guridika bejnha u bejn is-socjeta AAK Grech Bros. Limited ghaliex hi qatt ma akkwistat ebda merkanzija minghand is-socjeta` intimata. Fissret illi s-socjeta` intimata kellha relazzjoni kummercjali ma' missierha Raymond Buhagiar li kien jakkwista merkanzija minghandha ghan-negozju tieghu.

Ir-rikorrenti sostniet ukoll illi meta ffirmat il-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri, hija giet zgwidata biex taghmel dan mis-socjeta` intimata. Skont ir-rikorrenti, hija ffirmat il-kambjala minghajr hadd ma fissrilha l-effetti ta' dan l-istrument u li din il-kambjala nharget abbazi ta' fattura li mhijiex veritjera ghaliex mhux minnu illi hija akkwistat jew rceviet minghand is-socjeta` intimata xi merkanzija konsistenti f'ghodda u accessorji skont kif jinsab indikat f'din l-istess fattura datata 26 ta' Lulju 2018[10] u li nharget flimkien mal-kambjala.

Ir-rikorrenti kkonfermat[11] illi missierha kien talabha biex tmur ghand is-socjeta` intimata biex "*tiffirmalhom karta*" b'impenn li kif hu jirritorna lura Malta, ihallas il-bilanc li kien ghadu dovut minnu. Ir-rikorrenti qalet illi ghalkemm marret tiltaqa' ma' Adrian Grech fl-ufficcju tas-socjeta` intimata u ghalkemm taf li ffirmat il-karta li huwa taha biex tiffirma, ma kienetx taf li kienet iffirmat kambjala u lanqas illi nharget fattura f'isimha. Qalet li hi rrejalizzat illi l-karta li kienet iffirmat kienet kambjala immedjatament kif harget mill-ufficcju ta' Adrian Grech.

**Missier ir-rikorrenti, Raymond Buhagiar** xehed illi hu kien klijent regolari tas-socjeta` intimata izda waqt li kien imsiefer barra minn Malta minhabba problemi ta' sahha, is-socjeta` intimata bdiet tinsisti ghall-hlas tal-bilanc li kellu pendenti maghha. Qal illi huwa baghat lil bintu, ir-rikorrenti, biex tmur tkellem

[10] Dok. X2, fol. 41
[11] Xhieda 9 ta' Ottubru 2019, fol. 24.

lil Adrian Grech tas-socjeta` intimata biex tassiguralhom li kif jigi lura Malta, jithallas il-bilanc dovut. Ix-xhud ikkonferma illi bintu qatt ma xtrat il-merkanzija indikata fil-fattura mahruga fis-26 ta' Lulju 2018 u l-hrug tal-kambjala abbazi ta' din il-fattura jfisser illi flimkien bejneithom, hu u bintu ghandhom jaghtu lis-socjeta` intimata l-ammont totali ta' sitt elef Euro cioe` d-doppju tal-ammont effettivament dovut.

**Adrian Grech, direttur tas-socjeta` intimata**, xehed illi kienet ikkuntattjatu r-rikorrenti biex tgharrfu li ser taghmel tajjeb hi jekk missierha ma jhallasx: "*Hi giet biex taghmlilna tajjeb ... ghall-kont ta' missierha*." Hu insista illi r-rikorrenti fl-ebda hin ma qaltlu li riedet biss tassigurah li kif jigi lura mis-safar missierha, hu kien ser ihallas il-bilanc pendenti. Adrian Grech xehed li r-rikorrenti kienet taf li ser tiffirma kambjala ghaliex hu stess kien fissrilha li dak li kienet qieghda tiffirma kien dokument "*ezekuttiv*" u fil-fatt dakinhar hi damet hafna hin tistennih biex ilesti d-dokumenti. Xehed ukoll illi kienet ir-rikorrenti li talbitu jikkoncedilha zmien gimaghtejn sabiex tilhaq thallas l-ammont dovut, u kien hu li insista li jaghtiha gimaghtejn ulterjuri galadarba kienet qieghda taccetta l-hrug ta' kambjala. Fi kliem Adrian Grech "*... hi giet biex iserhilna mohhna li jekk sa dak iz-zmien li kienet tghidli, dak iz-zmien ha jigi bil-flus jekk hux hi jew hu se tigi hi bil-flus ... jekk ma jhallasx missierha tigi hi bil-flus.*"[12]

Ix-xhud sostna li mhux minnu illi s-socjeta` intimata qieghda tippretendi l-hlas ghal darbtejn tal-ammont dovut fuq l-invoices iffirmati minn Raymond Buhagiar liema invoices ix-xhud gharafhom a folio 7, 8 u 9 tal-atti, u kkonferma illi filwaqt li s-socjeta` intimata ghandha biss kont intestat lil Raymond Buhagiar, ir-rikorrenti kienet ghamlet tajjeb ghall-kont ta' missierha permezz tal-kambjala.

Ikkunsidrat;

[12] Xhieda 26 ta' Frar 2020, fol. 63.

L-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal procedura specjali fejn kambjali (jew *promissory notes*[13]) mahruga skont il-Kodici tal-Kummerc jitqiesu bhala titoli ezekuttivi sakemm il-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala kollha jew f'parti minnha. Din il-procedura tittiehed fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni, liema rikors ghandu jigi pprezentat entro ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika lilha tal-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi dik il-kambjala ezekuttiva. F'kaz li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, il-kreditur ikollu jiftah kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 13 biex jezigi l-hlas tal-kambjala.

Il-Qorti tosserva illi l-procedura prospettata fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 filwaqt illi hija wahda specjali, hija wkoll **procedura preliminari fejn il-verifika li ghandha ssir mill-Qorti hija wahda limitata li ssir fuq bazi *prima facie***[14] biex jigi determinat jekk: (i) il-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tarrappreżentant tiegħu; jew (ii) li ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni.

Ghandu jinghad illi l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-subinciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, *prima facie*, hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent debitur ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu

[13] Il-proceduri odjerni jittrattaw kambjali u mhux promissory notes u ghalhekk mhux ser issir referenza hlief ghal kambjali.
[14] **Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2016.

ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-qorti f'proceduri bhal dawn, taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali."[15]

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta' Frar 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**, intqal hekk:-

*"... l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens."*

Dan ifisser illi l-verifika li ghandha ssir fi proceduri bhal dawk in dizamina, ma ghandhiex tikkonsisti fi stharrig **fil-mertu** tal-kontenzjoni bejn il-partijiet, jew ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet, u dan ghaliex l-istharrig tal-mertu jmissu jsir fil-kawza li jkollha titressaq mill-kreditur f'kaz illi l-Qorti tilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, billi l-kambjala hija fiha nnifisha prova tad-dejn li jkun inholoq, l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bih l-kambjala saret titolu ezekuttiv, kienet intiza biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi kaz ferm limitati.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti qieghda topponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala mahruga fis-26 ta' Lulju 2018 u li ghalqet fis-26 ta'

[15] **Ian Pecorella vs. Sovereign Caterers Limited,** 11.03.2009, Prim'Awla.

Awwissu 2018[16], abbazi tal-kontenzjoni li hija ffirmat il-kambjala meta giet zwigata mis-socjeta` intimata ghaliex qatt ma kellha ebda intenzjoni li tassumi personalment ir-responsabbilita` ghall-hlas tad-dejn dovut minn missierha lill-istess socjeta` intimata. Iktar minn hekk, tikkontendi li din il-kambjala ma nhargitx abbazi ta' negozju li effettivament sehh bejnha u bejn is-socjeta` intimata. Essenzjalment, it-tezi tar-rikorrenti hi li din il-kambjala nharget abbazi ta' fattura li hija qarrieqa u simulata stante illi kuntrarjament ghal dak li jinsab indikat fil-fattura mahruga fis-26 ta' Lulju 2018 u intestat lilha personalment[17], hija qatt ma xtrat jew irceviet minghand is-socjeta` intimata l-ebda ghodda jew accessorji ohrajn u qatt ma xtrat l-ebda merkanzija kwalsiasi minghand is-socjeta` intimata.

Bl-applikazzjoni tal-insenjament in materja, fuq riportat, il-Qorti hija tal-fehma illi bl-accettazzjoni ta' verzjoni wahda ad eskluzjoni tal-ohra f'dan il-procediment, fejn il-funzjoni taghha hija limitata ghad-determinazzjoni dwar jekk jezistux ragunijiet gravi u eccezzjonali kontra l-ezekuzzjoni tal-kambjala, hija tkun qieghda tipprekludi milli jsir ezercizzju kif imiss ta' stharrig tal-provi, liema stharrig jispetta lill-Qorti li tkun qed tisma' l-mertu tal-vertenza. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sejra tistharreg jekk effettivament, il-fattura datata 26 ta' Lulju 2018 mahruga lir-rikorrenti tirrapprezentax o meno negozju li verament sehh, jew jekk ir-rikorrenti kienetx fi zball jew jekk gietx indotta fi zball dwar il-hrug u accettazzjoni tal-kambjala fis-26 ta' Lulju 2018.

**Izda, minn stharrig superficjali tal-atti jirrizulta, talanqas fuq bazi *prima facie*, illi r-rikorrenti qieghda tikkontendi li l-kambjala datata 26 ta' Lulju 2018 inharget abbazi ta' obbligazzjoni inezistenti**. Jirrizulta wkoll illi l-kambjala mahruga fis-26 ta' Lulju 2018 ma akkwistatx ezistenza awtonoma u indipendenti min-negozju rifless fil-fattura mahruga fl-istess data msemmija,

[16] Dok. X1, fol. 41.
[17] Dok. X2, fol. 41

peress li jirrizulta li l-kambjala baqghet u ghadha ghand il-kreditur tal-obbligazzjoni, cioe` s-socjeta` intimata.

Kif inhuwa risaput, l-obbligazzjoni li tat lok ghall-kambjala ma tistax tigi diskostata mill-kambjala nnifisha meta l-kambjala tkun ghadha fil-pussess tal-kreditur tal-obbligazzjoni. Kif gie korrettement enuncjat fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar 2015[18] :-

*"... skont il-gurisprudenza prevalenti tal-Qrati taghna, sabiex kambjala takkwista natura awtonoma u hajja indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghalija, din trid tkun giet girata favur terzi akkwirenti: "Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cjoe' ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni;* ***meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali****.*

*L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. ... Peress li min jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li wasslet ghal dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala.* ***Bejn il-partijiet, pero', il-kambjala m'ghandux ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghal kull kawza li ssir ghall-hlas****. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall-ftehim li wassalt ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs. Vella", Qorti tal-kummerc, 18 ta' Marzu, 1965").* [emfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

[18] **Fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-numru 3600/14 datata 12 ta' Novembru 2015 fl-ismijiet Dino Fino (223679M) vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C33174).**

Illi kif inghad, billi l-ligi fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 ma tispecifikax x'inhuma r-"*ragunijiet ohra gravi u validi*" li jistghu jinghataw b'success f'talba ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala, hija mhollija lid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tilqa' jew le talba li ssirilha taht l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi.

Fil-kaz li ghandha quddiemha llum, il-Qorti tqis illi galadarba jirrizulta illi l-oppozizzjoni tar-rikorrenti ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala, **tolqot kwistjoni inerenti ghall-obbligazzjoni li abbazi taghha nharget l-istess kambjala** ghaliex evidentement, ir-rikorrenti qieghda tikkontesta proprju l-ezistenza tan-negozju li jirrapprezenta l-import tal-kambjala, ir-raguni moghtija mill-istess rikorrenti in sostenn tat-talba taghha ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala, jidher li hija wahda serja u gravi. Dan partikolarment meta m'huwiex eskluz mill-provi illi minhabba l-hrug tal-kambjala, inholqot obbligazzjoni indipendenti minn dik dovuta minn missier ir-rikorrenti, bil-konsegwenza illi s-socjeta` intimata tista' tivvanta zewg krediti awtonomi: wahda esegibbli minghand minghand Raymond Buhagiar abbazi tal-fatturi mahrugin f'ismu u l-ohra esigibbli minghand ir-rikorrenti abbazi tal-kambjala,. Il-Qorti tosserva illi mid-dokumenti esebiti in atti, imkien ma jirrizulta illi r-rikorrenti ntrabtet lejn il-kreditur bhala garanti ghall-obbligazzjoni ta' missierha u mhux bhala debitur principali.

Dan stabbilit, il-Qorti hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati, **jezistu *prima facie* ragunijiet gravi u eccezzjonali sabiex jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala** mertu ta' dan il-procediment odjern[19] ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, u tqis illi sabiex is-socjeta` intimata tista' tesigi l-hlas ta' din il-kambjala, ghandha tipprocedi b'kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[19] Kambjala Dok. X1 a fol. 41 li ghalqet fis-26 ta' Awwissu 2018.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad it-talba tar-rikorrenti biex jigu dikjarati nulli l-ittra gudizzjarja bin-Numru 3789/2018 u t-titolu ezekuttiv miksub abbazi ta' dik l-ittra, tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex ma jkunx hemm ezekuzzjoni tal-kambjala mahruga fis-26 ta' Lulju 2018 (Dok. X1) kif imsemmija fl-ittra ufficjali numru 3789/2018 fl-ismijiet "AAK Grech Bros Ltd vs Maria Buhagiar" u konsegwentement, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' din il-kambjala a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**